**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 38 / 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Clyde Farrugia**

Illum 27 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Clyde Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 235197 (M), akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar 23 ta' Frar, 2020, ghall-habta tas-2:30am waqt li kien qieghed fi Triq il-Pallijiet u/jew fil-vicinanzi fin-Nadur, Ghawdex:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma tixtieqx il-vjolenza pubblika kontra Joseph Muscat Ufficjal ta' Transport Malta u Richard Joseph Maurice Vella Ufficjal ta' Transport Malta, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-

esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cjoè Joseph Muscat Ufficjal ta' Transport Malta u Richard Joseph Maurice Vella Ufficjal ta' Transport Malta waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-aritkolu 95 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Richard Joseph Maurice Vella Ufficjal ta' Transport Malta, skont kif iccertifikata t-Tabib Faraaz Bhatti M.D.MCM No. 4355 minn l-isptar Generali ta' Ghawdex, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Joseph Muscat Ufficjal ta' Transport Malta skont ma' certifika Dr. Anselm Psalia M.D. minn poliklinika ta' Rabat, Ghawdex u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b' ghajjat jew bi mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilità mill-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà ta' TM officer Joseph Muscat u TM

officer Richard Joseph Maurice Vella u l-familji taghhom sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 85) datata 12 ta' Novembru, 2020, li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 214 u 216 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 214 u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 15 A, 17, 31, 412 C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-15 t' Ottubru, 2021, fejn il-Qorti:

(a) mhux sabet lill-imputat Clyde Farrugia hati tal-ewwel (1) u tal-hames (5) imputazzjonijiet u illiberatu minnhom;
(b) Wara li rat l-artikoli 17 (b), 95, 214, 216 (1) (b), 221 (1) sabet lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet u ikkundannatu ghal piena ta' tliet (3) snin prigunerija u multa ta' erbat elef ewro (€4000).

Il-Qorti tqis li m' hemmx htiega ghal Ordni ghat-Trazzin fil-konfront tal-imputat.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-hati sabiex huwa jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' disa' mija u sitta u hamsin ewro u hames centezmi (€956.05) rapprezentanti spejjez ta' esperti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Clyde Farrugia, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-15 t'Ottubru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitux hati tal-ewwel u l-hames imputazzjonijiet, thassaraha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontrih, u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni,htija u piena jew alternattivament, sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata inkwantu ghal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

A. Illi, umilment jigi sottomess li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha *stante* li ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant u dan ghaliex il- provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqghu ' il boghod mill-grad rikjest mill-ligi;

B. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex l-piena fil-konfront tieghu moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda eccessiva;

C. Illi l-appellant ma kellux jigi kkundanat ihallas l-ispejjez peritali stante lill-Pulizija ma mexxietx *ex officio*;

**A. <u>Apprezzament Zbaljat tal-Provi</u>**

**i. Principji Generali**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u *del resto*, anke' jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, w cioe *beyond reasonable doubt*, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-

Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f' dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

**ii. It-tieni imputazzjoni: Il-Qorti assumiet lill-allegati vittmi huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku**

Illi l-appellant jirrileva illi sabiex il-Qorti setghet sabet htija tat-tieni imputazzjoni kellha taghmel ezami iktar approfondit tal-provi li jinsabu fl-atti u tara jekk verament ingabitx il-provi lill-allegati vittmi kienu "persuni inkaritgati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti."

Illi dan huwa l-qafas tar-reat mahsub fid-disposizzjoni 95 tal-Kodici Kriminali li jaqra s-segwenti:

*Kull min, f' kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li*

*jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi flesekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f ' dan l-artikolu, mizjuda b' zewg gradi u ghal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5,000).*

Illi ai rigward il-fatt illi dan ir-reat huwa mahsub kontra ufficjal jew impjegat pubbliku l- Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid hekk:

*"The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government .. . It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed".*

Illi dwar din it-tifsira l-Artikolu 92 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Taht il-frazi generali ' ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l- awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skont il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mill-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra".*

L-appellant jirrileva illi il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-ahjar prova li turi illi l-parti leza huma ufficjali pubblici u cioe` rapprezentant tal-People and Standards Division fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru, jew ta l-ufficju tal-Human Resources ta' fejn huma mpjegati l-parte civile, sabiex jikkonfermaw jekk dawn il-persuni humiex ufficjali jew impjegati pubblici.

Ghar-reat in kwistjoni, m' huwiex bizzejjed illi tingieb prova illi persuna tkun impjegata fis-settur pubbliku izda irid jigi ppruvat lil hinn mid-dubju iddettat mir-raguni illi fil-fatt il-persuna tokkupa kariga li taghmilha ufficjal jew impjegat

pubbliku. Oltre minn dan, tali prova kienet facilment verifikabbli u jekk huwa minnu, ottenibbli izda l-Prosekuzzjoni naqset illi tressaqha.

Illi ma hemm xejn fl-atti processwali lanqas prova wahda remota li propju dawn il-persuni kienu jew huma ufficjali pubblici u ghalhekk din l-akkuza ma setghet qatt tigi pruvata.

iii. **It-tielet imputazzjoni: Ic-certifikat mediku ta' Richard Joseph Maurice Vella**

Illi mill-atti processwali jidher li l-uniku certifikat mediku li gie mahrug lil Richard Joseph Maurice Vella, l-parti leza, kien propju dak li gie esebti a fol. 12 tal-atti processwali. Illi f' dak ic-certifikat ma jidher li hemm xejn x' jindika illi -l-allegata vittma sofriet offiza gravi fuq il-persuna. Illi sussegwentement giet esebita ittra mmarkata bhala DOK JV2 a fol. 44 tal-atti processwali, liema taghti aktar dettalji medici fir-rigward ta' - Richard Vella. Pero, cioe nonostante, din l-ittra baqghet qatt ma giet guramentata jew kkonfermata minn min ghamilha u ghalhekk ma tikostitwixxi l-ebda prova, u *ergo* ma taghmel l-ebda stat ta' fatt.

In oltre, jigi rilevat illi minghajr ma kien hemm ezenzjoni tad-difiza it-tabib Faraaz Bhatti qatt ma halef dan l-istess certifikat u ghalhekk, f' dan in-nuqqas, dan ic-certifikat ma jikostitwixxi l-ebda prova.

Illi minghajr pregudizzju ghal tali argument zgur li ma jistax jinghad lill-Prosekuzzjoni irnexxielha ggib l-ahjar prova meta tali tabib ma ttelax jixhed waqt dawn il-proceduri.

Illi kif sehqet il-Qorti tal-Magistrati nhar l-10 t' April 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs. Carmen Ellul et.**

*Gie ezebit ukoll certifikat mahrug minn tabib tal-isptar, li ma ttellghax jixhed quddiem din ilQorti, u li nhareg xahrejn wara l-operazzjoni, li jghid li "patient recovered well".14 Pero peress li dan it-tabib qatt ma ttella' jixhed, dan ic-certifikat ma giex konfermat bil-gurament. Fid-dawl ta' dawn l-unici provi medici li ressqet il-Prosekuzzjoni, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza, li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-parte civile subiet feriti ta' natura permanenti, jew li kien hemm ir-riskju li ssofri feriti ta' natura permanenti. Huwa vera, li fix-xhieda taghha,15 l-parte civile qalet li kienet ghadha sa dak in-nhar kienet ghadha ma timxix sew u din ix-xhieda tatha iktar minn erba' (4) snin wara l-incident. Pero din id-dikjarazzjoni maghmula mill-parti leza – cioe parti interessata fil-proceduri – certament ma tissodisfax l-oneru tal-prova fil-kamp kriminali li jinkombi lill-Prosekuzzjoni li jigi stabbilit li l-feriti li soffriet kienu ta' natura permanenti, jew tal-inqas, kien hemm ir-riskju li jkunu ta' natura permanenti.*

Illi minkejja lill-Qorti hatret espert mediku sabiex tistabbilixxi xi griehi kellu Ricahrd Vella, xorta wahda l-appellant isostni li ma setghetx issib il-htija tat-tielet imputazzjoni ibbazata fuq dan ir-rapport biss stante lill-akkuza hija cara u cioe illi Vella gie certifikat mit-Tabib Bhatti.

**iv. Il-Filmat li gie esesbit**

Illi jinghad ulterjorment illi minkejja li gie ezebit filmat, kien l-espert tal-Qorti stess u cioe Jonathan Mizzi li fir-rapport tieghu immarkat JM 1 jghid car u tond illi " *peress li l-camera tas-sigurta` kienet il boghod kif ukoll peress li kien id-dlam, dettalji tal-glieda u tal-persuni nvoluti ma jidhrux*."[1]

[1] Vide a fol. 73 tal-atti processwali

### v. Verzjonijiet Kunfliggenti

Illi fil-kaz odjern, jidher li l-Ewwel Qorti strahet ampjament fuq ix-xhieda *viva voce* li taw Joseph Muscat u  u Richard Vella filwaqt li ma kkonsidratx dak li qalu fid-dawl ta' dak li ddeponew xhieda ohra. Konsegwentement dak li xehdu ma kellux jinghata daqstant piz stante li fl-umli fehma tal-esponenti kienu huma biss li taw certu dettalji ta' x' gara, dettalji li baqghu ma hargu imkien iktar hlief minnhom u sahansitra kienu anke kontradetti minn provi ohrajn u dan kif ser jigi muri fis-sottopost.

Illi filwaqt li sa minn meta huwa irilaxxa stqarrija mal-Pulizija l-appellant dejjem insista "jien ma hbejthx ghall-ufficjala ta' TM,"[2] kienu biss l-istess allegati vittmi li iddentifikawh bhala l-persuna li weggaghhom.

Illi huwa ferm interessanti li kif jidher fl-okkorenza a fol. 29 tal-atti processwali illi minkejja lir-rapport originali kien maghmul kontra persuna wahda lill-allegati vittmi sahqu li aggredihom irrizulta lill-Pulizija qabel ma' resqu lill-appellant kienu diga kellmu, arrestaw u ressqu quddiem il-Qorti persuni ohra marbuta ma' dan l-incident.

Illi in oltre, meta l-allegat vittma Joseph Muscat gie muri r-ritratt a tempo vergine ta' terza persuna u cioe certu Joseph Hafiz Saadallah, kien gharaf lil Hafiz Saadallah bhala l-persuna li agredixxa u sawwat il-kollega tieghu u mhux lill-appellant. Illi, però meta xehed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa gharaf lill-appellant bhala dak il-persuna li hebb ghal siehbu.[3]

Illi jigi rilevat ukoll illi minkejja li Richard Joseph Vella jiddeponi li l-agressur gie minnaha ta' wara "fil-pront minn wara u jtini daqqa ta' ponn"[4] u li wara beda jistordi huwa rnexxileu jilmah lill-agressur mill-genb ta' wiccu u identifikah bhala l-

[2] Vide a fol. 6 tal-atti processwali
[3] Vide a fol. 40 tal-atti processwali
[4] Vide a fol. 41 tal-atti processwali

appellant.[5] Illi ukoll in kontro ezami mhux tali jixhed li beda jistordi tali jghid ukoll li intilef minn sensih u fil-fatt jiddikjara huwa stess li ma jafx x' gara.[6]

***Ix-xhud: Jien bdejt nintilek minn sensija. Jekk waqajt mal-art lanqas naf. Heqq!***
***Il-Qorti: dak siehbu qal li gabru minn mal-art, li kien mal-art.***
***Ix-xhud: Mhux ghalhekk! Jien fejn naf x' gara!***

Illi però minkejja dak li xhedu l-allegati vittmi, ix-xhieda l-ohra xehdu kompletament differenti u dana minkejja li huma zgur ma kellhom l-ebda interess fil-kawza tal-appellant stante lill-kawza taghhom kienet diga inqatghet.

Isaac Psaila jixhed li kien hemm hafna nies u li b' referenza ghall-appellant huwa ma rahx jiggieled:

"*ahna x' hin argumentajna kien hemm hafna nies, imbaghad tlaqna ' l hemm*" ( Vide a fol. 45)

"*xejn jiena ma rajtux jiggieled.*" (Vide a fol. 46)

Christian Hafiz Saadallah jixhed ukoll li kien hemm hafna nies u li ma rax lill-appellant jargumenta:

"*jien rajt mhux as such glieda, jiena rajt konfuzjoni ta' nies, go mohhi nassumi glieda,u tlaqt ' il hemm*" (Vide a fol 49)

*Qorti: vicin l-ghoqda nies? Rajtu ma' xi ta' Transport Malta jargumenta?*
*Xhud : Le le* (Vide a fol.49)

---

[5] Vide a fol. 42 tal-atti processwali
[6] Vide a fol. 107 tal-atti processwali

Illi ghalhekk jinghad illi tenut kont il-verzjonijiet konfliggenti u fin-nuqqas ta' kjarezza moghtija minn evidenza iktar teknika bhalma huwa filmat ta' CCTV jidher bic-car illi hemm dubju serju li ma jistax iwassal lill-gudikant fil-kamp penali isib il-htija fl-appellant.

B. <u>**Piena Erogata**</u>

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, u cioe' dik ta' prigunerija ta' tliet (3) snin prigunerija effettiva u hlas ta' multa ta' erbat elef (€4,000) Ewro u dan ghar-ragunijiet segwenti li ser jigu anke elaborati fit-trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

i. **X' ghandu jirrifletti l-kuncett ta' ' piena' fid-dritt penali skont gurisprudenza nostrana**

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt m' ghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza <u>**Il-Pulizija vs Francis Mamo**</u>:

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*
*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** **deciza mill-**Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif*

*ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l- impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood)*** *hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

*predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli*

*u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **<u>Il-Pulizija vs Maurice Agius</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex*

*jikkonsidra jekk għandux jissospendi o meno tali piena (għal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' *Principles of Sentencing* (Heinemann, London, 1979), ta' David Thomas, fejn intqal illi:

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre', qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

Fis-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t' Ottubru 2019 fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'** gie kkunsidrat li:

*' 6. Peress li dan huwa appell limitat biss ghall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistharreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setghetx legalment u raġonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx zbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t' Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone' s Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase ' wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal' s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not*

*interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ' This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ' ...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase ' wrong in principle' . In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ' wrong in principle' ) words to the effect that the sentence was ' excessive' or ' manifestly excessive' . This does not, however, cast any doubt on Channell J' s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x' piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx għadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk*

*ma jkunx hemm raġuni valida ghaliex. Jekk pero l-Qorti tal-Maġistrati tkun hadet xi żball, imbaghad din il-Qorti ghandha d-dmir li dak l- iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **manifestament eċċessiva** meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieġ li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet tohroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli ghall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Ġudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il- piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a)Retributtiv;*
*(b)Preventiv; u*
*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f' moħħ is-soċjeta, b' mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t' egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b' mod li darb' oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b' konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b' konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita' . Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha*

*aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F' dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l- għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b' mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b' egħmilu. F' dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Illi bir-rispett jiġi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li ħadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wieħed esagerat u dan meta wieħed iqis illi llum il-ġurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena għandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

ii. **Il- fedina penali tal-appellant**

**Illi fil-kaz odjern, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jidhirx li taghat importanza ghall-fatt illi l-appellant odjern ghandu fedina penali kwazi netta u li huwa xellef difru mal-ligi darba wahda biss fl-2011 meta kien ghadu minuri u li ghalhekk kienet il-Qorti stess li dakinhar taghtu canfira u twiddiba kif jidher fil-fedina penali tieghu.**

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu <u>recidivi</u>, **mhux bhal appellant**, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **<u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla:

> *' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, **u***

***ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> 'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li*

> *s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Fl-isfond ta' dan kollu, jerga jigi umilment sottomess illi la darba anke persuna recidiva, b' diversi kundanni precedenti, tinghata opportunita ohra, u dan bil-ghan ahhari li ma tigiex imposta piena karcerarja, l-istess ghandu jkun fil-kaz ta' l-appellant li sahansitra ghandu kondotta netta. Jidher illi l-Ewwel Qorti skartat dan il-fatt b' mod komplet, u ibbazat il-piena mposta BISS fuq il-fatt illi r-reat huwa ta' natura serja peress illi konness ma' traffikar ta' persuni.

iii. **Gurisprudenza fuq l-istess reat**

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi ghalkemm reati simili huma kundannabbli bla ebda riserva kien hemm diversi kazijiet simili fejn min instab hati lanqas biss inghata piena ta' prigunerija effettiva. Il-fatt wahdu li hafna mill-imputazzjonijiet huma tali kontra ufficjali pubblici ma jimmeritawx awtomatikament piena ta' prigunerija effettiva kif donnha sostniet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-appellant jirrileva illi hemm diversi kazijiet fejn il-hatja jkunu ppartecipaw b' mod iktar attiv jew daqs l-appellant u l-piena taghhom kienet ferm inqas mill-piena illi giet inflitta fuq l-appellant. Illi l-appellant isostni dan anke in vista ta' sentenza ohra li kienet inghatat mill-Qorti tal-Magistrati diversament presedjuta fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Joanne Agius deciza nhar is-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) giet kundannata ghal sentenza sospiza.

Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wiehed esagerat u dan meta wiehed iqis illi llum il-gurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

iv. **Ordni ghat-Trazzin tal-Appellant**

Illi l-appellant jirrileva illi l-ewwel Qorti lanqas biss laqghet it-talba tal-Proskuzzjoni ghall-ordni ghat-trazzin tieghu u dana stante li fi kliem l-Ewwel Qorti stess "il-Qorti tqis li m' hemmx htiega ghall-Ordni ghat-Trazzin fil-konfront tal-imputat."

Illi jekk il-Qorti stess qieset illi ma hemmx il-htiega ghall-Ordni ghat-Trazzin fil-konfront tal-imputat, huwa verament kontro-sens li l-piena li giet erogata kienet wahda daqstant eccessiva b' piena karcerarja effettiva.

C. **Spejjez Peritali**

Illi minkejja li ma kien hemm l-ebda talba mill-Prosekuzzjoni, l-Ewwel Qorti applikat l-artikolu 533 tal-Kap 9 ex officio u ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal disa' mija u sitta u hamsin ewro u hames centezmi (€956.06).
Illil-ligi fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tiddisponi s-segwenti:

> *533.(1) Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f' kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-*

*inkjesta, f' dak iz-zmien u f' dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

Jibda biex jinghad illi f' dan il-kaz jirrizulta car lill-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija *ex officio* izda wara rapport li sar mill-parte civile nhar it-23 ta' Frar 2020 u dan kif tindika car l-okkorenzza a fol. 29 tal-atti processwali.

Ghaldaqstant u dejjem minghajr pregudizzju, l-appellant lanqas ma seta' jigi kkundant l-ispejjez peritali ghaliex il-ligi titkellem car f' dan ir-rigward.

Ghalhekk il-piena ta' tlett (3) snin prigunerija u multa ta' erbat elef ewro (€4000) kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Din il-piena fil-kaz odjern tqarreb iktar lejn il-massimu milli lejn il-minimu fejn persuni b' akkuzi identici sahansitra lanqas biss inghataw piena ta' prigunerija effettiva.

Ikkunsidrat,

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant ecepixxa illi l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali, minghajr dubju dettat mir-raguni. Ghaldaqstant din il-Qorti tixtieq tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Philliane Ceci et</u>**[7] fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti fuq il-livell tal-prova:

*'…Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat,* ***<u>il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-</u>***

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru, 2021.

***provi imresqa minnha.*** *Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.*

***16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.***

*17. Fil-każ Ingliż* ***Majid****,[9] Lord Moses stqarr hekk:*

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

*18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown[10] jgħidu s-segwenti : -*

***In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula***

---

[8] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2.
[9] Ibid.
[10] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

***<u>of proof by being "sure"</u>, in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.***

*19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, **<u>l-Imħallef William Harding</u>** kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza.</u>** Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Peralta</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija **setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.***

***<u>20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx</u>***

***tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.'*** (enfasi ta' din il-Qorti)

L-appellant isostni illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta sabet lill-appellant hati. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ghandha taghmel referenza ghal dak li gie ritenut diversi drabi, f'bosta sentenzi illi:

> *"…principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[11] u **Il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar**[12] u ohrajn.)

Ghaldaqstant, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Guzeppi Bilocca**,[13]

> *'…din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*** (ara f' dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[14]" ; "**Ir-**

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-10 ta' Mejju 2002.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2013.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009.
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994.

**Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[15]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[16]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[17]" "**Il-Pulizija vs Julian Genovese**[18]"u ohrajn.'

Illi f'diversi appelli kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Anthony Debono**;[19] **Il-Pulizija vs Noel Borg**;[20] **Il-Pulizija vs Brian Barbara;**[21] **Il-Pulizija vs Therese Attard Flores**[22]u ohrajn, kollha jaghmlu referenza ghall-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[23], fejn inghad illi :-

> *'Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz,* ***tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.'***

[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 2008.
[19] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021.
[20] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[21] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[22] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 t' Ottubru, 2021.
[23] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994.

Illi tajjeb li jigi enfasizzat illi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni hija zvantaggata u dan ghaliex hi ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tkunx rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Madankollu, dan ma jfissirx pero min-naha l-ohra li jekk ma semghetx ix-xhieda hi ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda li ddeponew ma kienux kredibbli jew konsistenti f'dak li qalu jew li tali xhieda hi kontradetta minn xhieda ohra. (enfasi ta din l-Onorabbli Qorti)

F'dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Debono**[24] fejn tkellmet fuq Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali u qalet hekk:

> *'Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.*[25] *Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021.

[25] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

*akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.*

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **l-Pulizija vs Joseph Thorne**,[26] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

> *F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.'*

Il-Qorti f'dan il-kaz hija rinfaccjata b'verzjonijiet kunfliggenti. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "**safe and satisfactory"** ghall-konkluzzjoni taghha ta' htija.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant Clyde Farrugia rrilaxxa **stqarrija**[27] datata s-26 ta' Frar, 2020 fejn wara li nghata d-drittijiet hu qal li hu kellu kaz wiehed mal-pulizija f'2011. Stqarr illi hu ma hebbx ghall-ufficjali ta' Transport Malta. Hu mar biss iferraq glieda li fiha kien hemm

[26] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[27] Fol. 6 tal-atti processwali.

nvoluti Izaak flimkien ma grupp ta' persuni ohra u l-ufficjali ta' Transport Malta. Hu qal li qala' daqqa ta' ponn izda ma jafx minghand min u spicca jaghti sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Hu ma jafx lil min laqat. Hu sostna illi ma ra lil hadd minn ta' Transport Malta bid-demm ma wiccu izda hu kien li kellu wiccu bid-demm. Hu ma marx mill-ewwel sabiex jiehu l-kura ghall-griehi tieghu sabiex ma jkabbarx l-affarijiet. Mistoqsi jekk wara l-aggressjoni harabx jigri fl-istess direzzjoni li telqu l-ohrajn hu wiegeb li hu qabad u telaq 'l hemm. L-ohrajn ma jafx fejn kienu marru. Mistoqsi jekk riedx izid xi haga hu wiegeb li l-itwal wiehed ta' Transport Malta qabdu mill-flokk u beda jtih bil-ponn f'wiccu. Dan kien fl-ahhar tal-glieda mbghad qisu waqfet hemm.

**<u>PS 1061 J. Zammit</u>**[28] xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn qal illi nhar it-23 ta' Frar, 2020 hu kien xoghol il-karnival tan-Nadur matul il-lejl u ghall-habta ta' 2.30 hrs gie nfurmat illi kien hemm glieda fi Triq il-Paljijiet in-Nadur fejn xi ufficjali ta' Transport Malta gew attakkati. Kienu gew mitkella Joseph Muscat u Richard Joseph Maurice li huma ufficjali ta' Transport Malta. Huma kienu stqarrew illi kienet marret persuna fuqhom li beda jghajjat ghax sab ticket u dan tefghu go halqu u kielu u wara bezqu u telaq l'isfel. Qalu li meta nizlu l'isfel raw lil din il-persuna ma hajt fejn il-vettura. Dan il-persuna gie minn wara Richard Vella u tah daqqa ta' ponn go wiccu. Joseph Muscat qabad lil dan il-persuna u gibdu minn fuq Richard u beda jipprova jtih u beda jzommu u laqtu wkoll. Il-vettura kellha n-numru HFZ 098.

**<u>PS 698 Shaun Tabone</u>**[29] xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn qal illi nhar it-23 ta' Frar, 2020 kienu ghaddejjin ic-celebrazzjonijiet tal-karnival gewwa n-Nadur u Joseph Muscat u Richard Vella, zewg ufficjali ta' Transport Malta rraportaw gewwa l-Ghassa tan-Nadur illi kienu ghadhom kemm gew aggrediti minn persuna waqt li kienu qed jikkontrollaw it-traffiku. Huma kienu stqarrew illi kienet marret persuna fuqhom li beda jghajjat ghax sab ticket u dan tefghu go halqu u kielu u wara bezqu u telaq l'isfel. Qalu li meta nizlu l'isfel raw lil din il-persuna ma hajt fejn il-vettura. Dan

[28] Fol. 22 tal-atti processwali.
[29] Fol. 32 tal-atti processwali.

il-persuna gie minn wara Richard Vella u tah daqqa ta' ponn go wiccu. Joseph Muscat qabad lil dan il-persuna u gibdu minn fuq Richard u beda jipprova jtih ukoll. Wara l-incident l-aggressur ghamel hsara ukoll il-vettura HFZ 098 li ftit wara rikeb u telaq minn go fiha. Irrizulta li l-vettura kienet ta' certu Christian Hafiz Saadallah u dan gie arrestat u mehud il-lock-up. Iz-zewg vittmi kkonfermaw li xi hadd jixbhu kien l-aggressur. Dan kontinwament naqas milli jsemmi l-isem ta' min kien agredixxa lill-vittmi. Waqt li kien qieghed arrestat u meta gie mistoqsi jekk riedx jinforma lil xi hadd bl-arrest tieghu u qal li xtaq lil huh li jigi nfurmat b'dan li kien sentejn ikbar minnu u li jismu Joseph Hafiz Saadallah. Il-vittmi pprezentaw certifikat mediku fejn Muscat kien certifikat li sofra minn griehi hfief u Vella gie ccertifikat li kien qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi.

L-investigazzjonijiet kienu baqghu ghaddejjin u kien irrizulta li l-aggressur li kien aggredixxa lil Richard Vella kien Clyde Farrugia. Dan gie arrestat u kien irilaxxa stqarrija.

**<u>L-Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>**[30] xehed nhar l-14 ta' Lulju, 2020, fejn qal illi nhar it-23 ta' Frar, 2020 kien gie nfurmat li ghal xi 2.30 am kien hemm zewg haddiema ta' Transport Malta li kienu qeghdin xoghol in-Nadur go Triq il-Knisja, u li dawn kienu gew aggrediti minn xi persuni u dan wara li xi persuna laqtet citazzjoni minhabba parkegg illegali. Kienu stabbilew illi kien hemm tlett persuni u li whud minnhom kienu wzaw il-vettura bin-number plate HFZ 098. Din il-karozza kienet ta' Christian Hafiz Saadallah. Dan kien gie arrestat u kien ammetta li dakinhar kien sab ticket mal-karozza u hu ma kienx ha pjacir. Kien argumenta mal-ufficjali ta' Transport Malta, kien qalilhom xi kliem ta' theddid ukoll u sahansitra rema t-ticket fid-direzzjoni tieghu. Mill-investigazzjoni rrizulta li mieghu kien hemm Izaak Psaila.

[30] Fol. 35 tal-atti processwali.

Wara li kien inqala dan l-argument bejn l-Ufficjali ta' Transport Malta u dawn iz-zewg persuni, kien ghaddej Clyde Farrugia li gharaf fl-Awla li dan apparentament qabad u hebb ghall-haddiema ta' Transport Malta. Fl-istqarrija tieghu kien qal li l-haddiema ta' Transport Malta kienu hebbew ghalih. Hu kien qal li kien dahal fin-nofs sabiex iferraq lill-persuni. Mill-camera kien deher l-appellant qieghed ihebb ghall-ufficjali ta' Transport Malta. Wara li hebb ghalihom kien hemm kommossjoni li ma tidhirx cara. Hu pprezenta l-filmat bhala document BC4.

In kontro-ezami mistoqsi jekk dan il-filmat intweriex lill-appellant qabel l-istqarrija huwa wiegeb fin-negattiv u dan ghaliex ghal bidu hasbu li ma nqabditx din it-tilwima minhabba xi differenza fil-hin.

L-Ispettur Spiteri[31] rega' xehed nhar l-1 ta' Settembru, 2020 fejn esebixxa CCTV tal-camera tas-sigurta' u qal li kien ghaddewulhom sidien tad-dar. Mistoqsi mid-difiza meta ngabar dan il-video hu jghid li xi jumejn jew tlett ijiem wara l-incident. Dan ingabar wara l-arrest ghaliex l-ewwel kien mar pulizija u qal li l-filmat ma kienx car u ma ngabarx, imbghad insista ghalih hu u fil-fatt kien jidher. Isostni illi kien hemm diskrepanza fil-hin.

**Joseph Muscat**[32] xehed nhar l-14 ta' Lulju, 2020 fejn qal li kien involut f'argument fil-karnival xi 2.30 am, in-Nadur l'isfel minn ta' Giovanna, Church Street. X'hin ikkontrollaw it-traffiku mar wiehed b'balaklava, qabad lil siehbu minn spalltu, dawwru u tah daqqa ta' ponn. Hu qabdu u beda jimbuttah biex ma jmissux u beda jipprova jtih lilu wkoll. X'hin nehhielu l-balaklava laqat lilu wkoll. Kien anke gie ccertifikat li kellu ingurji minuri. Hu gharaf lill-appellant fl-awla u sostna li argumenti mieghu ma kellhomx imma kellhom argument ma zewg persuni ohra li kienu laqqtu ticket minghand il-pulizija u marru jghajjruhom.

---

[31] Fol. 61 tal-atti processwali.
[32] Fol. 39 tal-atti processwali.

Is-Sur Muscat[33] rega' xehed f'konfront ordnat mill-Qorti nhar it-3 ta' Mejju, 2021. Hu rega' sostna dak li diga' kien xehed u rega' kkonferma li kien l-appellant li ta daqqa ta' ponn lill-kollega tieghu.

Sussegwentament hu rega' xehed in kontro-ezami[34] fejn qal illi l-appellant laqtu bi zbrixx meta mar biex jaqlalu l-balaklava. Hu ma jafx jekk l-appellant qabadx lill-kollega tieghu mill-genb jew minn wara. Hu li jiftakar zgur id-daqqa ta' ponn u li qabez fuqu x'hin tahielu. L-appellant dawwru u tah daqqa ta' ponn u hu spicca fl-art. L-appellant mar fuq il-kollega tieghu. Hu mar qalghu u l-appellant laqghat lilu bi zbrixx. Hu nnega li kien hu jew siehbu ghamlulu xi griehi lill-appellant.

**<u>Richard Joseph Vella</u>**[35] xehed nhar l-14 ta' Lulju, 2020 fejn qal bejn 22 u 23 ta' Frar ta' 2020 xi 2.30 am kienu xoghol Triq il-Knisja n-Nadur u marru tnejn fuqhom joffenduhom u jghajjruhom. Wahda minnhom qaltilhom li kienu fis-sakra u sabiex ma jaghtux kashom u Joseph ukoll qallu hallihom tatix kaz. Huma nizlu l'isfel habba t-traffic u xi hadd qallu hemmhekk qeghdin mal-hajt u biex jimxu l'fuq sabiex jibqghu sejrin. Huma u tilghin il'fuq fil-pront minn wara gie jtih daqqa ta' ponn f'ghajnu. Hu jsostni illi ma dan is-sinjur ma kellhomx argumenti, mal-ohrajn iva, izda hallewhom jghidu u ma lletikawx maghhom. Hu beda jistordi u kif idur jara lil Joseph inehhilu l-balaklava minn rasu. Huwa kien rah u ndikah fl-awla. Ikkjarifika illi meta l-ohrajn marru jghajjruhom hu ma kienx maghhom. Wara izda hu nizel maghhom l'isfel. Hu telaq l'isfel u l-ohrajn marru warajh.

Is-Sur Vella[36] rega' xehed nhar it-3 ta' Mejju, 2021 fejn rega' beda jispjega mill-bidu nett fejn meta kienu fi Triq il-Knisja u marru Izaak u siehbu jillatikaw maghhom fuq ticket li ma kienux qalghu minn ghandhom. Hu beda jghidlu affarijiet bhal 'kemm ghandek zokor f'ghajnejk' u siehbu Joseph Muscat qallu sabiex ma jaghtix kashom.

[33] Fol. 101 tal-atti processwali.
[34] Fol. 108 tal-atti processwali.
[35] Fol. 41 tal-atti processwali.
[36] Fol. 105 tal-atti processwali.

Spjega kif dan l-individwu qabad it-ticket, tefghu go halqu u bezqu ghal saqajhom u beda joffendihom. Huma marru jnehhu tgegwigija li kellhom bil-mini buses u Joseph kien indikalu dawk li marru jghajjruhom fejn kienu qeghdin. Hu rrifera ghall-appellant u qal li minn wara, gibdu lura u tah daqqa ta' ponn u beda jintilef minn sensih, "x'hin bdejt nigi f'tieghi narah jaqlalu l-balaklava rajtu mill-genb ta' wiccu u rajtlu t-tattoo". Wara hu mar ghall-kura kemm il-clinic tan-Nadur u kemm l-isptar. Hu jghid illi ma jafx ghal-liema raguni l-appellant kien mar ghalih ghax qabel ma kienx mal-ohrajn. Fil-bidu zewg nisa kien hemm maghhom.

**Izaak Psaila**[37] xehed nhar l-14 ta' Lulju, 2020 fejn qal li kien il-karnival, qalghu dik ic-citazzjoni u gara dak li qalu l-ewwel. X'hin ra aktar nies, kif ra fil-filmat l-Ispettur, hu mexa l'hemm hekk. Hu qal li kien ma Christian fejn meta argumentaw kien hemm hafna nies, imbghad telqu l'hemm kif ra l-Ispettur fil-video. Mistoqsi jafx x'gara wara jghid li hu telaq u kien ma Christian u t-tfajliet taghhom. Hu sostna li l-appellant dar in-naha l-ohra u ma telaqx mieghu. Jghid li rah dakinhar izda ma jafux. Mistoqsi 'U x'rajtu jaghmel?' Hu wiegeb xejn, jiena ma rajtux jiggieled.

**Christian Hafiz Saadallah**[38] xehed nhar l-14 ta' Lulju 2020 fejn qal illi hu kien in-Nadur, ra glieda u resaq il'boghod minnha. Ma jiftakarx il-glieda bejn min kienet ghax l-ucuh ma jiftakarhomx.  Mistoqsi kemm ra nies jiggieldu hu jghid li telaq l'hemm u ma jiftakarx. Qal li kien hemm ta' Transport Malta nvoluti izda ma jiftakarx kemm kienu bl-ezatt. Iktar jghid li hu ra konfuzjoni ta' nies, go mohhu assuma li glieda, u hu telaq l'hemm jimxi sabiex ma jidholx f'inkwiet. Hu qal li hu u t-tfajla tieghu biss telqu l'hemm. Hu ra ghoqda nies u qabel hu kien tkellem ma ta' Transport Malta u allura qabad u warrab sabiex ma jigix f'hassle u nkwiet. Hu telaq mal-grupp li kien mieghu imma ma jiftakarx b'mod individwali min kien hemm. Jghid li lill-appellant rah hemmhekk izda ma jafux. Hu qal li ma rahx jargumenta ma ta' Transport Malta.

[37] Fol.45 tal-atti processwali.
[38] Fol. 48 tal-atti processwali.

Mistoqsi 'U x'hin telaq dan gie maghkom? Taf min gie maghkom x'hin telaq apparti intom li semmejt? Hu wiegeb fin-negattiv.

**Jonathan Mizzi**[39] xehed nhar it-13 t' Ottubru, 2020 fejn xehed illi kien nominat sabiex janalizza tlett CCTV footages u sabiex johrog stills mill-istess footage. Huwa pprezenta r-rapport tieghu. Hu qal illi peress li l-persuni kienu qed jaghtu dahrhom il-camera, l-ucuh tal-persuni ma jintgharfux. Qal ukoll illi peress li l-camera kienet il-boghod, dettalji tal-glieda u tal-persuni nvoluti ma jidhrux.

**Dr Anselm Psaila**[40] fejn hu kkonferma c-certifikat li kien hareg hu u li kien invista lil Joseph Muscat fit-23 ta' Frar, 2020 fejn dan kellu nefha zghira u hmura l'fuq minn ghajnu tax-xellug li ccertifkah bhala li kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa.

Dr Psaila[41] rega' xehed nhar it-2 ta' Gunju, 2021 fejn ikkonferma dak kollu li kien diga xehed.

**L-appellant Clyde Farrugia**[42] xehed nhar it-3 ta' Mejju, 2021 fejn qal illi kien il-Karnival u kien miexi ghall-affari tieghu n-Nadur u ra lill-Isaac jargumenta ma zewg ufficjali pubblici. Hu dahal sabiex iferraq u gie aggredit u ddefenda ruhu. Jghid 'Issa lil min ilqatt ma nafx u min aggredieni ma nafx pero jiena iddefendejt ruhi. Hu gie aggredit minn iktar minn persuna wahda. Hu sofra griehi hfief, kellu gundalla, qasma taht ghajnejh u tbengil go zaqqu. Kien hemm argument bejn Isaac Psaila u dawn l-ufficjali pubblici u hu ra lil Isaac jobzoq lejn dawn l-ufficjal u u jargumenta. Jghid il-persuna li hemm fuq il-footage ghaddej b'idu fuq rasu kien hu ghax kien ghaddej qed izomm il-ferita ta' rasu. Hu jsostni illi l-ufficjali zgur laqtuhom izda ma jafx jekk Isaac laqqathiex ukoll. Hu allega illi hu gie aggredit mill-ufficjali pubblici.

---

[39] Fol. 69 tal-atti processwali.
[40] Fol. 81 tal-atti processwali.
[41] Fol. 121 tal-atti processwali.
[42] Fol. 98 tal-atti processwali.

In kontro-ezammi jghid li kien jaf lil Isaac mill-iskola u hu mar sabiex iwaqqaf l-argument intlaqat b'daqqa u ddefenda ruhu. Hu jinnega illi hebb ghall-Ufficjal ta' Transport Malta. Hu jsostni illi 'Jiena mort inferraq ghax il-bniedem kont nafu'. Hu qal illi z-zewg ufficjali sawwtuh, izda l-kbir kien li ghamillu l-injuries.

Dakinhar tal-karnival kien liebes gakketta, jeans u maskla minn dawn tan-ninja sewda. Wara l-argument hu telaq mill-post u mar il-farmhouse. L-ohrajn ma jafx fejn marru ghax ma kienux fil-farmhouse mieghu. Hu jghid li telaq ghalih u mhux maghhom. Hu telaq ghal rasu u huma telqu ghax kienu grupp, mat-tfajliet taghhom. Qal li kien zball illi ma ghamilx rapport il-pulizija.

**Dr Edward Cherubino**[43] xehed nhar it-2 ta' Gunju, 2021 fejn ikkonferma li kien inkarigat mill-Qorti sabiex jezamina zewg pazjenti. L-ewwel wiehed kien is-Sur Joseph Muscat li kkonkluda li kien sofra minn griehi ta' natura hafifa u m'ghandu l-ebda dizabilita' jew marki permanenti relatat mal-griehi li sofra. It-tieni wiehed kien Richard Vella li kkonkluda li dan kien sofra griehi gravi, in fatti kellu ksur tal-ghadam ta' wiccu izda ma ghandu l-ebda marki jew dizabilta' permanenti.

Ikkunsidrat,

Illi fir-rigward **l-ewwel aggravju** tal-appellant, din il-Qorti indubjament tinsab rinfaccata b'verzjonijiet kunflingenti ghall-ahhar. Fuq naha minnhom l-appellant qieghed jirrikonoxxi u jghid fl-istqarrija tieghu illi Izaak u xi persuni ohra kellhom xi jghidu ma ta' Transport Malta u hu dahal fin-nofs sabiex iferraq, qala' daqqa ta' ponn, iddefenda lilu nnifsu izda lil min laqghat ma jafx. Dan irrepetieh ukoll quddiem l-Ewwel Qorti. Hu jsostni illi Ufficjal ta' Transport Malta aggredih izda kif beda jixhed quddiem l-Ewwel Qorti qal li ma jafx min kien aggredih. Oltre minn hekk filwaqt li jammetti li jaf lil Izaak ghax jghid li kien skola mieghu, dan Izaak fix-xhieda tieghu

[43] Fol. 123 tal-atti processwali.

mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li rah dakinhar tal-allegat incident izda ma jafux. Izaak Psaila ma semmiex li kien involut f'tilwima u li l-appellant gie sabiex jiddefendih jew jifred. Hu qal biss illi ma rahx jiggieled. Christian Hafiz Saadallah qal li hu u t-tfajla tieghu biss telqu minn hemm u ma jafx min iggieled, izda peress li kien tkellem mal-ufficjali ta' Transport Malta qabel allura telaq l'hemm mat-tfajla tieghu ghax ma riedx inkwiet. Min-naha l-ohra Izaak Psaila jghid li telaq 'l'hemm ma' Christian u t-tfajliet taghhom.

Ghaldaqstant in vista ta' dawn id-diskrepanzi fix-xhieda tal-appellant, Izaak Psaila u Christian Hafiz Saafdallah li ma jikkombacaw xejn, din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni illi l-verzjonijiet tal-*parte civile* Joseph Muscat u Richard Vella hija aktar attendibbli. Kif diga' gie ritenut, u dan abbazi tal-Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali, xhud wiehed biss jekk emnut huwa bizejjed sabiex il-Qorti ssib htija. Ghalhekk f'dan il-kaz johrog bic-car li mhux kull konflitt ta' provi jwassal ghal-liberazzjoni tal-akkuzat. Anke jekk il-filmat ezebit mill-prosekuzzjoni mhux car bizzejjed sabiex wiehed jistrieh fuqu, din il-Qorti jidrilha illi tista' tistrieh fuq il-verzjonijiet tal-parte civile.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant fir-rikors t'Appell tieghu accenna illi ma giex ippruvat illi l-parte civile kienu ufficjali pubblici u cioe' li kienu ufficjali ta' Transport Malta. Din il-Qorti taghti affidament lill-verzjoni tal-parti offiza, u dan fid-dawl tal-provi l-ohra prodotti li jsahhu din il-verzjoni, aktar milli dik moghtija mill-appellant, sabiex b'hekk l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex jissusisti r-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali kienu sodisfatti.

Din il-Qorti zzid billi tghid li prova li l-ufficjali in kwistjoni kienu uffiċjali pubblici u li fil-ħin tal-incident huma kienu qed jaghmlu servizz pubbliku, tirrizulta indubbjament ippruvata mix-xhieda prodotta. Tant kemm hu hekk illi l-istess

appellant u anke x-xhieda ohrajn jirreferu ghalihom bhala 'ta' Transport Malta' u dan sinjal li b'dak li kienu qed jaghmlu u dak li kienu libsin kienu jidhru li fil-fatt huma ufficjali pubblici.[44]

Prova tal-griehi subiti miz-zewg ufficjali pubblici minhabba fl-incident li ipprovoka l-appellant, tirrizulta fost ohrajn minn dak iccertifikat fic-certifikati medici ezebiti mill-Prosekuzzjoni. Minn barra dan, l-Ewwel Qorti marret oltre minn hekk u anke hatret bhala espert lil Dr Edward Cherubino li kkonferma dak li diga kien hemm pprovdut fic-certifikati odjerni. Minkejja dan, l-appellant qieghed isostni illi c-certifikat ta' Richard Vella m'ghandux jikkonsisti bhala prova u dan stante li ma giex iguramentat minn min hargu. F'dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut**[45] fejn gie ritenut is-segwenti fuq dan il-punt:

> *'L-ewwel aggravju tal-appellant hu, bazikament, li ma ngabitx l-ahjar prova tal-offiza hafifa fuq il-persuna u tal-hsara volontarja fin-nuccali.* ***Din il-Qorti ma taqbilx. Id-deposizzjoni tal-parti leza - Joseph Deguara - kienet prova sufficjenti kemm tal-offiza fuq il-persuna kif ukoll tal-hsara fin-nuccali. Hi zbaljata l-idea, spiss ventilata quddiem din il-Qorti, li biex issir prova skond il-ligi u sal-grad li trid il-ligi ta' offiza fuq il-persuna hemm bzonn ta' certifikat mediku jew tad-deposizzjoni ta' tabib. Tali certifikat jew deposizzjoni jistghu jkunu mehtiega jekk mid-deposizzjoni ta' xhieda ohra, inkluza l-parti offiza, jibqa' xi dubbju ragjonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u/jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiza. Fil-kaz in dizamina, id-deposizzjoni ta' Joseph Deguara, korroborata mill-ufficcjali tal-pulizija li kienu fil-ghassa, hi prova***

[44] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Wayne Delia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Novembru, 2021.
[45] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 t' Awwissu, 1999.

***sufficjenti kemm tal-offiza (f'dan il-kaz offiza hafifa) fuq il-persuna, kif ukoll tal-hsara volontarja.'***

In vista tas-suespost, din il-Qorti ssostni illi mhux necessarju illi c-certifikat ta' Richard Vella kellu jigi guramentat, iktar u iktar meta kif irrimarka l-appellant fir-rikors tieghu stess li kien hemm ukoll ittra dettaljata li kienet qed tiddeskrivi l-griehi ta' Vella. Oltre minn hekk, l-espert Dr Edward Cherubino hejja wkoll ir-rapport tieghu f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant fuq dan il-punt din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant u qeghda tichad l-ewwel aggravju fit-totalita' tieghu.

Ikkunsidrat,

Fir-rigward tat-**tieni aggravju** tal-appellant u cioe' fuq il-piena nflitta, il-Qorti tibda sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tarquin Vella**,[46] fejn gie ritenut illi l-gustifikazzjoni tal-piena fl-ezerċizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

F'sentenza ricenti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gilbert Bezzina**,[47] din il-Qorti enfasizzat is-segwenti:

*'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati*

[46] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Settembru, 2020.
[47] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-16 ta' Ottubru, 2020.

*jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*

*L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet

kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**[48] :

> *"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in*

[48] Deciza mill-Qorti Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Awwissu, 2005.

*principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Din hija ukoll l-posizzjoni li qed tittiehed konsistentement minn din il-Qorti kemm fil-kompetenza taghha Superjuri kif ukoll Inferjuri. (Ara wkoll **'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche'**).[49]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dailin Bennetti**,[50] din il-Qorti qalet hekk:

*'Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri Ir-**Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deciza nhar il-15 ta' Dicembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza semplicement ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli ghall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula*

[49] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t' Ottubru, 2019.
[50] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Settembru, 2020.

*jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.'*

Bhala qorti ta' revizjoni, normalment din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata u hekk kif rifless fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci**.[51]

Kif ġie ritenut fis-sentenza Ir-**Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler:**[52]

> *"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata millI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena."*[53]

Illi m'hemmx dubbju li f'dan il-kaz il-piena applikabbli għall-akkuzi originarjament migjuba kontra l-appellant jidhlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati u dan anke meta wiehed jikkunsidra s-serjeta' u l-gravita' tal-kaz. Din il-Qorti taghmilha cara illi hi tikkundanna bl-aktar mod car attitudnijiet tal-bullijiet, m'ufficjali pubblici. Madanakollu, meta kkunsidrat l-eta' u l-fedina penali tal-appellant din jidrilha illi piena ta' detenzjoni hija eccesiva f'dan ir-rigward u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-gurisprudenza fuq kazijiet simili.

---

[51] Deciza nhar is-26 ta' Marzu, 2009 (Ara ukoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999], "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn**).

[52] Deciza mill- Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar, 2009.

[53] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Rabia Yavuz u Muzekka Deneri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 t' Awwissu, 2021.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti hi tal-fehma illi din is-sentenza ghandha tigi riformata u ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellant ghandu jintlaqa'.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi **<u>t-tielet aggravju</u>** tal-appellant jghid illi l-appellant ma kellux jigi kkundanat ihallas l-ispejjez peritali stante li l-Pulizija ma mexxietx *ex officio.*

Din il-Qorti ghalhekk sejra taghmel referenza ghall-**Artikolu 533** tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

> *533. (1) Meta l-kawża ssir mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

F'dan il-kaz il-pulizija kellha s-setgha tmexxi *ex officio* u dan fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u ghaldaqstant l-argument tal-appellant ma jreggix. Anke jekk il-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba ghal dan, il-Qorti ghandha s-setgha *ex officio* li tapplika l-Artikolu sucitat u ghalhekk l-ahhar aggravju tal-appellent qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel u t-tielet aggravji tal-appellant izda qed tilqa' it-tieni aggravju billi tirriforma s-sentenza appellata u tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel u l-hames imputazzjonijiet u lliberatu minnhom u ssibu hati tat-tieni, tat-tielet u raba'

imputazzjonijiet u tvarja s-sentenza billi thassarha f'dik il-parti li fiha kkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija u erbat elef euro (€4,000) multa u minflok tikkundannah ghall-perjodu ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda ssehh ghajr hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum il-hati jikkommetti reati iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti fehmet lill-hati bi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbilta' tieghu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-kaz li huwa jikkommetti tali reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodici Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellant sabiex iħallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' disa' mija u sitta u hamsin ewro u hames centeżmi (€956.05) u dan fi zmien xahar millum.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali bil-ghan li tigbor l-ispejjez involuti f'dan il-kaz fejn l-appellant gie kkunannat ihallas.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Deputat Registratur